MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 228/2012

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Kevin Borg**

iben John, imwieled Pieta' fis-9 ta' Lulju, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330679(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Borg, il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(a) Talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Frar 2008 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-

regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat Kevin Borg talli kiser il-kondizzjoijiet ta’ sentenza datata 4 ta’ Mejju, 2007 u moghtija minn din l-istess Qorti fejn huwa kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu izda gie liberat ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ sentejn, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ April, 2012 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolament 9 tal-GN 292 ta' l-1939 sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u ghal multa ta’ elf Euro (€1000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta’ Gunju 2012. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Kevin Borg minnu pprezentat fl-10 ta’ Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma is-sentenza billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjoni lilu addebiti, u tirriformaha billi tipprovdi ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi ghandu jigi sottomess illi l-esponent irregola ruhu ma' l-ewwel opportunita' li kellu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u rregistra ammissjoni. Filwaqt li jigi sottomess li hu ferm odjuz li persuna tintavola appell in konsegwenza ghall-ammissjoni taghha stess, l-esponenti qed jintavola dan l-umli appell minhabba li jhoss li l-piena inflitta hi wahda eccessiva.

Illi meta Qorti tghaddi sabiex tiddikjara agir ta' imputat li huwa agir illegali, dik il-Qorti ghandha l-obbligi kemm morali u legali li ticcita liema artikoli tal-ligi gew hekk miksura.

Illi s-sentenza appellata filwaqt li tishaq fit-tul dwar liema artikoli tal-ligi nkisru taht il-Kapitolu 101 u ir-Regolament 9 tal-GN 292 ta' l-1939 ma taghti ebda hjiel ta’ dawl liema artikolu tal-ligi nkiser a tenur tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi hawn l-appellant umilment jissottometti dwar l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 23 jitkellem car dwar il-poteri li l-Qorti li ser tiggudika ghandha ghar-rigward dikjarazzjoni ta' htija wara l-impozizzjoni ta' ordni. Il- legislatur jishoq li meta si tratta ta' ksur ta' kondizzjoni mposta fl-ordni, tali ksur ghandu jkun punibbli skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-istess kapitolu ta' ligi.

Illi minn issa qed jigi efasizzat illi il-kelma "tista'" ma ghandhiex tigi nterpretata bhala "ghandha", u l-appellant umilment jissottometti li tali nterpretazzjoni hi ghal kollox erronja.

Bl-ebda ginnastika legali, ma jista qatt l-esponenti jifhem kif l-adoperazzjoni ta' kelma kostantement utilizzat fil-Kodici Kriminali u ligijiet ohra f'Malta, liema kelma tintuza mil-legislatur sabiex jaghti ampja 'mano di scelta' lill-Qorti ai fini tad-decizjoni taghha, fil-kaz tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijietta' Malta tigi moghtija tifsira li tmur dijametrikament opposta ghat-tifsira naturali taghha tant li twassal sabiex minflok jkun hemm 'mano libera' lill-Qorti dwar kif hija ghandha titratta mal-hati, il-Qorti a bazi ta' din l-interperazzjoni ssib idejha marbuta u kontra 1-ispirtu tal-ligi stess.

Illi l-esponent jissottometti ulterjorment illi kieku verament il-legislatur ried jorbot idejn il-qorti dwar il-mod kif titratta mal-hati cioe' li ghandha titratta mieghu tad-delitti originali, kieku l-legislatur ben konsapevoli tal-gurisprudenza kien jibdel il-kelma “tista’” bil-kelma "ghandha". Illi huwa principju kardinali fil-ligi penali ta' *ubi*

*lex dixit, ubi lex voluit.*

Illi una volta li l-Qorti ghazlet li titratta mal-hati dwar id-delitti li taghhom huwa kien tqieghed ordni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu definittiv, l-appellant ser jiehu okkazjoni jiccita is-segwenti gurisprudenza nostrana. Illi fis-sentenza Il-Pulizija **vs Coronato Portelli** deciza 23/03/2007 per Prim Imhallef V. de Gaetano, Qorti tal-Appell Kriminali intqal hekk:

> *"meta quddiem l-ewwel qorti imputat jammetti mill-ewwel, hafna drabi jkun utili u kwazi doveruz li dik il-qorti iisma', minkejja l-ammissjoni, il-provi (jew ghall-anqas xi uhud mill-provi) biex tiddetermina verament l- isfond li fih ikun sehh ir-reat u, per konsegwenza, il-gravita' oggettiva tal-akkadut"*

Illi huwa minnhu li l-appellant ghandu fedina penali mhux identika ghal dik ta' 'first time offender', pero' daqstant iehor hu minnu wkoll li l-ammont ta' droga misjuba kienet mita hafna jekk mhux ghal kollox negligibbli meta wiehed iqis illi dak li nstab kien effettivament tracca mahruqa fuq maghrfa!

Illi in oltre l-appellant ikkopera bis-shih mal-Qorti u meta tressaq quddiemha erba' snin wara li sehh dan il-kaz, ammetta l-imputazzjonijiet lilu addebitati ma' l-ewwel opportunita' quddiem l- ewwel il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji tal-appellant huma tnejn. L-ewwel aggravju jirrigwarda li l-ewwel Qorti naqset li ticcita l-artikolu rilevanti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi eccessiva.

Illi l-appellant ghandu ragun li l-ewwel Qorti ma ccitat ebda artikolu tal-ligi dwar il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan in-nuqqas din il-Qorti ser taghti r-rimedju mitluba u ticcita l-artikolu rilevanti. Fil-verita' din il-lanjanza ddur kollha madwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt dan il-punt kien deciz minn din il-Qorti, diversament presjeduta fl-appell fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi' deciza mill-Imhallef David Scicluna fl-14 ta' Settembru, 2011. Din is-sentenza partikolari taghmel referenza ghall-zewg kawzi ohra precedenti li kienu stabbilew il-principju in materja li meta l-ligi taghmel referenza ghall-kelma 'tista', din il-kelma ghandha tinghata t-tifsira li l-Qorti ghandha 'setgha' li titratta ma dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti.

Illi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-piena erogata mill-ewwel Qorti ghandu jigi rilevat li l-partijiet kienu qablu li f'dan il-kaz kellhu jsir 'a pre-sentencing report'. Fil-fatt, dan sar u ir-rapport gie ezebit fis-seduta tat-13 ta' jannar, 2014. Dan ir-rapport gie mhejji minn Saviour Lia. Il-konkluzjoni tas-Sur Lia kienet li l-appellant issometta ruhu ghal zewg ezaminijiet tal-urina u it-tnejn irrzultaw fin-negattiv. Il-hajja tieghu qalbet ghall-ahjar u kien ikun kontro-producenti li jinghata sentenza ta' prigunerija. Hu rrakomanda li l-appellant ghandu jjinghata ordni ta' probation.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li anki jekk il-fedina penali tal-appellant mhiex immakolata u l-appellant qatt zmien il-habs jidher li madankollu qed jiehu r-riforma ta' hajtu bis-serjeta'. Dan hu kaz ta' pussess ta' eroina u il-fatt li rizulta li hu ma kienx qed jaghmel uzu minn din id-droga jimmilta favur tieghu. Fil-verita', l-uniku vittma f'dan il-kaz hu l-appellant nnifsu u is-socjeta' ghandha obbligu li tghin min qed ighin lilu nnifsu biex jeghleb dan il-vizzju.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddecidi billi tirriforma s-sentenza appellata. Tirrevokha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000) u minflok dwar l-akkuza ta' pussess tad-droga eroina tqieghdu taht probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal

perjodu ta' tlett snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li ghandu jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-'Probation Order' hawn anness li jifforma parti ntegrali minn din is-sentenza. Din il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li huwa jifhem l-effett ta' l-ordni u li jek jonqos milli jikkonforma ruhu ma l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Kwantu ghar-reat li dwaru kien originarjament gie dikjarat hati bis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2007 bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta titratta mal-imsemmi Kevin Borg mill-gdid u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------